# L-Attivitajiet sal-Festa (2008)

| Data | Attività | Responsabbli |
|---|---|---|
| **2 ta' Mejju** | Ikla fil-Każin | Kummiss. Nar |
| **3 ta' Mejju** | Attivita għat-tfal fil-każin | Klabb Tfal ta' l-Istilla |
| **8 ta' Mejju** | *Coffee Morning* b'xejn fil-Każin | Sezzjoni Nisa |
| **9 ta' Mejju** | Ftuħ tar-Radju Komunitarju tal-Każin | Kumitat Ġenerali |
| | Ħarġa Speċjali tal-fuljett 'TA' L-ISTILLA' | Kummiss. Kultura |
| **11 ta' Mejju** | Quddiesa tal-Festa Liturġika ta' San Filep | Kumitat Ġenerali |
| **12 ta' Mejju** | Marċ mill-Banda San Filep (Jum liturġiku ta' San Filep) | Kummiss. Banda |
| **15 ta' Mejju** | *Coffee Morning* b'xejn ta' Jum l-Omm | Sezzjoni Nisa |
| **16 ta' Mejju** | Ikla fil-Każin | Kummissjoni Nar |
| **23 ta' Mejju** | *Extreme Green Party* | Sezz. Żgħażagħ |
| **24 ta' Mejju** | Attivita għat-tfal fil-każin | Klabb Tfal ta' l-Istilla |
| **25 ta' Mejju** | Riċeviment għall-Benefatturi tal-festa | Kummissjoni Nar/Armar |
| **28 ta' Mejju** | Riċeviment għas-Soċji kollha | Kumitat Ġenerali |
| **29 ta' Mejju** | Attività Soċjo-kulturali fi Triq L-Isqof u | |
| | Inawgurazzjoni ta' Armar ġdid tal-festa | Kumm. Armar/Kultura |
| **30 ta' Mejju** | *Extreme Green Party* | Sezz. Żgħażagħ |
| **31 ta' Mejju** | BBQ Quddiem il-każin | Sezz. Żgħażagħ |
| **1 ta' Ġunju** | | |
| Ħruġ min-niċċa | Riċeviment għaż-Żgħażagħ | Sezz. Żgħażagħ |
| | Marċ mill-Banda San Filep | Kummiss. Banda |
| **2 ta' Ġunju** | Simposium dwar l-artist Luigi Fontana | Kummiss. Kultura |
| **3 ta' Ġunju** | Marċ mill-Banda Santa Marija tal-Qrendi – **jintemm b'sorpriża** | Kummiss. Banda |
| **4 ta' Ġunju** | | |
| 1 Tridu | Purċissjoni tat-tfal – qabel it-Tridu | Klabb Tfal ta' l-Istilla |
| | Riċeviment tal-Festa għall-mistiedna | Kumitat Ġenerali |
| | Ħruq ta' nar ta' l-ajru | Kummissjoni Nar |
| **5 ta' Ġunju** | | |
| 2 Tridu | Marċ mill-Banda San Filep **– jintemm b'sorpriża** | Kummiss. Banda |
| | Ħruq ta' nar ta' l-ajru u ta' l-art | Kummissjoni Nar |
| **6 ta' Ġunju** | | |
| 3 Tridu | Wirja spettakulari ta' nar ta' l-art mekkanizzat | Kummissjoni Nar |
| **7 ta' Ġunju** | | |
| Lejlet il-festa | Marċ u Programm mill-Banda San Filep | Kummiss. Banda |
| | Wirja spettakulari ta' nar ta' l-ajru tal-kulur | Kummissjoni Nar |
| **8 ta' Ġunju** | | |
| Nhar il-festa | Marċ ta' filgħodu mill-Banda San Filep | Kummiss. Banda |
| | Marċi u programmi minn tliet Baned | |
| | **(Pinto, Queen Victoria u San Bartilmew)** | |
| | mistiedna ta' l-Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851 | Kummiss. Banda |
| | Wirjiet kbar ta' nar tal-ajru (murtaletti u kulur) tul il-purċissjoni | Kummissjoni Nar |
| | Marċ ta' l-aħħar mill-Banda San Bartilmew tal-Għargħur | Kummiss. Banda |
| **10 ta' Ġunju** | Ikla fil-Każin | Sezzjoni Nisa |
| **18 ta' Ġunju** | Quddiesa ta' Radd il-Ħajr | Kumitat Ġenerali |


- over 30 years of experience
- 24 hour service
- photo ceramic & marble work
- bookmarks

Twanny Spiteri u Wenzu Psaila
(Day & Night) Tel: 21460950 • Office 21472219 • Mob: 99471168
Offices: 23, Triq it-23 ta' April, Qormi














Bestprint Ltd. Qrendi


# TA' L-ISTILLA

Leħen l-Għaqda Każin Banda San Filep A.D 1851 — Mejju 2008 – Ħarġa 9


## Is-Sabiħ tal-Festa

Skond il-qawl Malti, "l-ewwel ma tolqot l-għajn" u "l-għajta nofs il-bejgħ". Għalkemm m'aħniex inbiegħu xorta waħda jgħodd għalina li dak li nagħmlu b'tant kura u attenzjoni nipperżentawh b'mod li jingħoġob. Dan li qed nippruvaw nagħmlu fil-pubblikazzjonijiet ta' l-Għaqda Każin Banda San Filep. Il-bosta ħidmiet li daħlet għalihom din il-Għaqda qed jitwettqu b'ħila u qed jagħmlu unur lil kull min ikun medd idejh fihom. Għalhekk xieraq li jingħata għarfien lir-riżultati miksuba b'tant sagrifiċċji b'ħidma volontarja mogħtija mill-qalb tul is-sena kollha. Xieraq ukoll li l-poplu li jkun ikkontribwixxa minn butu jkun infurmat x'inhu jsir. B'hekk kulħadd ikun sodisfatt u jagħmel aktar kuraġġ u jżid fil-ħeġġa biex flimkien inkomplu nżidu u ntejbu ħidmietna.

Kull Sezzjoni u kull Kummissjoni fi ħdan il-Għaqda għandha r-rwol tagħha u dan tisvolġieh b'mod koordinat u koperattiv mal-kumplament. Kull waħda tfittex li tiġbor fondi biex tiffinanzja l-attivitajiet tagħha bla ma tkun ta' piż żejjed fuq il-Kumitat Ġenerali. Dan ta' l-aħħar jerfa' l-piż mhux żgħir tal-banda, it-tagħlim tal-mużika u x-xiri tal-istrumenti biex jingħataw lill-aljievi, l-arkivju, proġetti strutturali ġodda, dekorazzjoni interni tal-każin, manutenzjoni u relazzjonijiet pubbliċi.

Il-ġbir u l-qliegħ mill-attivitajiet rikrejattivi li jinġabru tul is-sena ma jitħalltux ma dawk tal-Kumitat Ġenerali imma jmorru kollha għall-festa esterna, li tinkludi wkoll l-armar u n-nar. Wara dan il-ġbir ta' fondi ssib il-kontribut ta' kull fergħa ta' l-Għaqda: is-Sezzjonijiet tan-Nisa u taż-Żgħażagħ, il-Kummissjonijiet Armar, Nar u Festa. Minn hawn ġejja s-saħħa biex il-Għaqda Każin Banda San Filep tasal tagħmel festa esterna hekk kbira. Min-naħa tagħhom dawn it-taqsimiet issibhom ukoll, dejjem u f'kull ħin u b'kull mezz ta' għajnuna, wara kull proġett jew attività soċjo-kulturali li l-Għaqda ittella' matul is-sena.

Iżda s-sabiħ tal-festa hu li nqimu lil qaddis protettur u li permezz tiegħu nagħtu ġieħ lil Alla. Is-sabiħ tal-festa hu wkoll li b'għemilna nifirħu u nferrħu, li nagħqqdu u ningħaqdu f'raħal wieħed. Hu dan li jkabbarna. Hu dan li jwasal għal festa sabiħa.

Il-fatt li dan kollu l-Għaqda jirnexxilha tiksbu mhux għajr xhieda qawwija ta' fiduċja, u apprezzament mill-poplu Żebbuġi u ta' kemm dan jaf ikun ġeneruż għax iħobb ir-raħal, il-festa tal-patrun u l-Każin San Filep. Hu dan li żamm din l-Għaqda kontinwament tagħti sehemha għal dawn l-aħħar mija u sebgħa u ħamsin sena. Huwa dan li jkompli jixprunana biex dejjem nibqgħu għaddejjin 'l quddiem, biex għal din l-Għaqda qatt u qatt ma jasal tmiem. Dan hu s-sabiħ tal-festa.

*Viva San Filep – Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.*







**Id-*DVD*, is-*CD* u *souvenirs* oħra tal-festa jinkisbu mill-Każin San Filep**

www.bandasanfilep.com

## Uçu˙ differenti ta’ festa li tqanqal fer˙ u devozzjoni









